**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 1128/2021DC**

***HSBC Bank Malta Plc (C3177)***
***vs***
***Gilbert Portelli***
***Karta ta' Identita 55077M***

.

Illum, 14 ta' Diċembru, 2023

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' HSBC Bank Malta Plc ippreżentat fis-17 ta' Novembru, 2021 permezz ta' liema ppremetta s-segwenti:-

*1. Illi l-intimat hu debitur tas-soċjeta attriċi fl-ammont ta' Euro 88,217.65 in kwantu għal Euro 77426.46 kapital u Euro 10,791.09 imgħax sad-29 ta' Ottubru 2021 liema ammont huwa dovut mill-intimat wara li somma ġiet debitament mislufa lill-intimat fuq faċilita' ta' Home Loan Account wara kuntratt fl-atti tan-Nutar Tania Farrugia datat 17 ta' Ottubru 2007 mill-bank attur u aċċetat minnu;*

*2. Illi għalkemm interpellat sabiex iħallas l-ammont dovut l-intimat ma ħallasx.*

U wara li hekk ippremetta, talab:-

*1. Tiddikjara illi l-intimat m'onorax il-pagamenti miftiehma u b'hekk iddekada mill-benefiċċju taż-żmien;*

*2. Tiddikjara, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja, li l-intimat għandu jagħti lill-bank rikorrenti s-somma ta' Euro 88,217.65 u dana oltre l-imgħaxijiet legali mid-29 ta' Ottubru 2021 sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha;*

*3. Tikkundanna lill-intimat iħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' Euro 88,217.65 (tmienja u tmenin elf mitejn u sbatax il-Euro u ħamsa u sittin ċenteżmi) bl-imgħax ulterjuri mid-29 ta' Ottubru 2021 sad-data tal-pagament finali liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 27 ta' Settembru 2018 kontra l-intimat li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni. Bl-imgħax ulterjuri skond il-liġi sad-data tal-pagament effettiv.*

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Gilbert Portelli[1] ppreżentata fit-28 ta' Frar, 2022 permezz ta' liema eċċepixxa s-segwenti:-

*Illi, it-talbiet attriċi huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi;*

*Illi mingħajr preġudizzju u subordinament għas-suespost l-intimat kien qiegħed iħallas lill-bank attriċi l-pagament mensili kemm il-darba mhux regolament dan għar -raġunijiet li ser jissemmew aktar l-isfel fuq din ir-risposta u kif ukoll waqt smigh u trattazzjoni tal-kawża;*

*Illi l-intimat huwa fin-negozju tar-ristorazzjoni u hu jaqla l-għejxien tiegħu minn hemm biss;*

*Illi , dawk il-pagamenti li ma laħqux saru mill-intimat huma kollha attribwibbli għal-fattur il-barra mill-kontroll tiegħu u ċjoe it-telf tal-introjtu tiegħu mill -attivita kummerċjali tar-ristorant li jismu 'Wood & Coal' li jinsab ġewwa Triq iż-Żagħfran, Attard;*

*Illi kien hemm tlett fatturi importanti li telfu dan l-introjtu u dawn kienu l-pandemija, l-għeluq tar-triq minn Infrastructure Malta u entitjiet oħra tal-Gvern, proġett enormi li kien jikkonisisti fir-ristrutturazzjoni u devjazzjoni tat-triq u kif ukoll xogħolijiet ta' manutenzjoni u rikostruzzjoni fuq l-istabbiliment tal-intimat, minn sid il-kera u dan kif ser jiġi muri aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*Illi, dawn il-fatturi kollha ikkawżaw dannu lil intrapriża tal-intimat li kellu jagħlaq l-attivita tiegħu għal diversi xhur twal, liema fatturi jew avvenimenti jikkostitwixxu l-forza maġġuri jew aċċidenti imsemmija fl-Art. 1134 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

---

[1] Fol 24.

> *Illi dawn il-fatti l-attriċi taf bihom għax minn dejjem kienet infurmata mill-intimat u vista taċ-ċirkostanzi estremament diffiċli u impossibli li kien qiegħed, u li sa ċertu punt għadu qiegħed , jaffronta l-intimat l-attrici ma messitx avvanzat din l-azzjoni u sservi biss biex b'hekk tkompli tippeġġjora u tippreġudika s-sitwazzjoni ta' klijent leali tagħha, li sa minn dejjem qabel ma ġara l-akkadut imsemmi, onora l-obbligi tiegħu.*

Rat id-digriet mogħti fit-13 ta' Jannar 2023 mill-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta[2].

Semghet il-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-bank attur daħal f'kuntratt ta' self mal-konvenut, kuntratt datat 17 ta' Ottubru 2007 għas-somma ta' tmienja u sebgħin elf erbgħa u tlettin Euro u centeżmu (€78,034.01)[3].

Illi ġie stipulat fil-kuntratt li s-self kien għal żmien definit pero ġie stipulat ukoll li jekk *ikun hemm ksur ta' l-obbligi il-Bank jista' jiddikjara, billi javża lill-klijent bil-miktub, li s-self huwa dovut u pagabbli minnufih, flimkien ma'l-imgħaxijiet u l-spejjez relattivi....* u *l-klijent jitlef kull benefiċċju taż-żmien mogħti lilu għal ħlas tas-self u l-imgħax relattiv u dan iseħħ mingħajr ebda proċeduri oħra.*[4]

Illi fil-kuntratt imbgħad ġie stabbilit li jkun hemm ksur ta' obbligi

- *Jekk il-klijent jonqos li jħallas kull somma dovuta (ħlas ta' self, imgħaxijiet jew kwalunkwe somma oħra) mill-klijent skond il-liġi, kuntratt ta' self u bil-mod stipulat fil-kuntratt ta' self jew/u sanction letter*[5]*; jew*
- *Jekk il-klijent jonqos milli jħallas kull somma dovuta minnhu (kemm bhala debitur prinċipali jew garanti) lill-Bank jew lill-terza persuna.*[6]

Illi s-sanction letter imsemmija fil-kuntratt ġiet esebita[7]. Fiha hemm stipulat r-rata ta' imgħax li kellu jiddekorri fuq il-kapital dovut, u l-ammont li l-konvenut kellu jħallas fix-xahar. Hemm stipulat ukoll li *the loan is for a fixed term. However, if an Event of Default (mentioned in the attached 'General Conditions*

---

[2] A fol 84.
[3] Kopja tal-kuntratt hija esebita bħala Dok A, a fol 5.
[4] Ref fol 6.
[5] Klawsola (b) fol 6.
[6] Klawsola (c) fol 7.
[7] Dok CM2 a fol 36.

*Regulating Loans') takes place, any sum outstanding to the Bank shall be immediately due and payable (together with all charges and expenses) when notified of a default situation by judicial letter and (you) fail to regularise the position within 15 days of notification all rights appertaining to the shall be exercisable and all security shall become enforceable. In such event you shall lose the benefit of any time granted to you for payment and this without the necessity of any other proceedings.*

Illi mbagħad fil-General Conditions Regulating Loans[8] fost iċ-ċirkostanzi elenakti bħala *events of default*[9] hemm is-segwenti:
*(b) any failure by the Customer and/or Surety to pay any sum due whether of principal interest, fees or charges, due by the Customer and/or Surety under the deed of loan and/or sanction leter and in the manner stipulated in the deed of loan and/or sanction letter;*
*(c) any failure by the Customer and/or Surety to repay or discharge in full any of his/her/its indebtedness (whether owed as principal or surety) to the Bank or any other party;*

Illi mill-provi jirriżulta ukoll li l-konveut ma kienx qed jagħmel il-pagamenti skond kif miftiehem, tant li fis-27 ta' Settembtu 2018 il-Bank attur bagħatlu ittra uffiċjali[10] u talab il-ħlas tas-somma ta' €1,901.51; aktar minn hekk il-Bank attur informa lill-konvenut li jekk il-ħlas ma jsirx fi żmien ħmistax il-ġurnata huwa kien jitlef il-benefiċju tat-terminu u l-bilanċ kollu jkun immedjatament dovut.

Illi mill-aħħar rendikont preżentat[11] in atti mill-Bank attur jirriżulta li sal-ġurnata li ġie preżentat ir-rikors ġuramentat il-kapital dovut mill-konvenut kien jammonta għal seba' u sebgħin elf erba' mija sitta u għoxrin Euro u sitta u ħamsin centeżmu (€77,426.56). Jirrizulta ukoll li ftit wara il-ftuħ tal-kawża (f'l-14 ta' Diċembru 2021) għamel pagament ta' erba' mitt Euro (€400) u mbagħad għamel żewġ pagamenti oħra ta' sitt mija u sittin Euro (€660) fit-18 ta' Jannar 2022 u fl-1 ta' Frar 2022 rispettivament. Mill-istess rendikont jidher li dawn l-ammonti marru akkont ta'l-imgħax dovut fuq il-kapital.

Illi da parti tiegħu l-konvenut ma jikkontestax li huwa waqaf iħallas lill-bank attur. Huwa pero jipprova jiġġustifika dan in-nuqqas billi jgħid li hu kien jiġġestixxi restaurant li kellu jagħlaq fi żmien il-pandemija tal-COVID 19; wara kienu qed isiru xogħolijiet estensivi fit-triq fejn kien jinstab ir-restaurant li komplew itellfu n-negozju b'mod li spiċċa biex kellu jneħħi r-restaurant b'telf. Il-konvenut qal ukoll li riċentement kien sab impjieġ u permezz ta'l-avukat tiegħu beda jiddiskuti mal-bank biex jerġa jibda jħallas. Dawn id-diskussjonijiet saru

[8] A fol 40.
[9] Klawsola 15 a fol 41.
[10] Kopja Dok CM1 a fol 35.
[11] Dok SE1 a fol 107.

immedjatament wara li kienu nbdew il-proċeduri odjerni. Il-konvenut qal li waslu fi ftehiem li jibda jħallas €660 fix-xahar u li huwa hekk għamel; speċifika li beda jagħmel pagamenti ta' €660 minn Jannar (2022) u li l-pagamenti kienu qed isiru regolari[12].

Illi pero l-konvenuta ġie kontradett f'din l-asserzjoni, mhux biss għaliex xhieda tal-bank innegaw xi ftehiem, imma anke għaliex wara li hekk asserixxa ġie preżentat rendikont aġġornat mill-liema irriżulta li huwa għamel biss żewġ pagamenti. Wara li ġie preżentat ir-rendikont aġġornat l-konvenut biddel il-verżjoni u qal li meta f'Marzu (2022) sar smigħ fil-kawża odjerna u l-bank qal li ma kienx intlaħaq ftehiem "*qisni instmat u qisni ma nafx x'ħa naqbad nagħmel, ħabba dik ir-raġuni bżajt*" u għalhekk waqaf jagħmel il-pagamenti.

Ikkunsidrat

Illi kif intqal il-konvenut mhux qed jikkontesta l-fatt li huwa debitur tal-bank attur, lanqas m'hu qed jikkontesta l-ammonti pretiżi. Huwa sempliċiment qed jippretendi li l-bank attur jibqa jagħti aktar opportunitajiet biex iħallas id-debitu tiegħu.

Illi minkejja dak li jixtieq il-konvenut, huwa intrabat b'kundizzjonijiet ċari u speċifiċi, kundizzjonijiet li huwa m'onorax. Rinfaċċjat b'dan l-aġir tal-konvenut il-bank attur fittex ir-rimedji spettanti lilu skond il-kuntratt.

Illi kif ingħad fis-sentenza mgħotija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-28 ta' Jannar 2004 fil-kawża f'l-ismijiet ***J. Grima & Sons Limited vs Anton Agius***

> *Ċertament, ħadd ma jista' jlum lis-soċjeta` attriċi illi tinsisti għall-ħlas kollu bilanċjali li jkun jirriżulta f' mument fejn is-sitwazzjoni finanzjarja tax-xerrej u debitur tagħha tkun tidher li kienet waħda peġġjorata u kien għalhekk jirriżultalha perikolu reali li l-kreditu tagħha ma jiġix sodisfatt. Tali qagħda hi saħansitra f' dan il-każ ammessa mill-konvenut. ... ...;*
>
> *Kif ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tas-27 ta' April 1895 fil-kawża "Diacono vs Trudlander nomine", (Vol. XV pagna 120), "non bastano vaghi timori sulla solvibilita` del compratore, ma trattandosi di un commerciante e` necessario che si abbia o la effettiva cessazione dei pagamenti od almeno un serio pericolo che quel sinistro si avveri durante la dilazione conceduta pel pagamento del prezzo o che il compratore abbia subito cambiamenti economici dopo la vendita sufficiente a destare seri timori di prossimo fallimento.";*

[12] Dan il-konvenuta qalu waqt li kien qed jiddeponi f'l-20 ta' Marzu 2023; ref fol 100.

> *Hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti mill-insenjament appena aċċennat illi fil-każ preżenti – sitwazzjoni finanzjarja mwiergħa, negozju li ma baqax jirrendi, żarmar ta' l-istess negozju – kienu jeżistu ċirkostanzi tali illi s-soċjeta` attriċi ma tkomplix tikkonċedi prorogi għall-pagament.*

Illi ta' ċerta relevanza huwa l-fatt li meta l-konvenuta reġa beda jaħdem u issa li zġur kellu introjtu għamel biss żewġ pagamenti.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut eċċepixxa l-forża maġġuri ai termini ta'l-artikolu 1134 tal-Kodiċi Ċivili biex jilqa għat talbiet attriċi pero din l-eċċezzjoni hija mingħajr bażi legali u għandha tiġi miċħuda.

Illi minn qari sempliċi ta'l-artikolu 1134 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu kwotat mill-konvenut u li fuqu qed jibbażа din l-eċċezzjoni, m'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-eċċezzjoni tal-forża maġġuri tista' tiġi invokata f'kaz ta' talba ghad-danni. Fil-fatt fis-sentenza mgħotija fis-7 ta' Jannar 2008 mill-Qorti tal-Maġistrati Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fil-kawża f'l-ismijiet ***George Farrugia et vs Pacifika Masini noe*** ntqal li:

> *"il caso fortuito (o la forza maggiore) puo' essere costuito, in genere, da un evento naturale (grandine, fulmine, terremoto, cui puo' aggiungersi appunto il caso della pazzia dell'obbligato o di altri), da un fatto altrui (furto, incendio) o dal cosiddetto factum principis (restrizioni del commercio, espropriazione per pubblica utilita', requisizioni, arresto)" (Novissimo Digesto Italiano, Antonio Azara u Ernesto Eula, UTET Vol. II pagna 991). **Fl-obbligazzjonijiet dan il-kuncett insibuh fil-Kodiċi Ċivili fir-rigward tat-talba għall-ħlas ta' danni fejn id-debitur ikun naqas għall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni jew f'każ li jkun wettaq l-obbligazzjoni tardivament**. L-Artikolu 1134 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) jipprovdi "**Id-debitur mhux obbligat għad-danni** jekk hu ma setax jagħti jew jagħmel il-ħaġa li obbliga ruħu li jagħti jew li jagħmel, jew għamel il-ħaga li ma kellux jagħmel, minħabba forza maġġuri jew minħabba aċċident"*[13]

Illi f'dan is-sens ukoll esprimiet ruħha din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza mgħotija fil-kawża f'l-ismijiet ***Mekanika Limited vs Eurobyte Limited:***

> *Illi huwa magħruf li l-każ fortuwitu jeħles lill-parti li tinvokah **mill-obbligu li twettaq ir-rabta kuntrattwali tagħha u milli tagħmel tajjeb***

[13] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.

> ***għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk biss*** *u jekk kemm-il darba l-fatt tal-każ fortuwitu ma jkunx ġara minħabba xi għamil preċedenti li għalih tkun taħti dik l-istess parti*[14].

Illi fil-każ in eżami l-bank attur mhux qed jitlob danni imma qed jitlob rifuzjoni tal-flus mislufa lill-konvenut għalhekk l-konvenut ma jistax jinvoka l-forża maġġuri bħala raġuni għalfejn il-bank attur m'għandux jippretendi l-ħlas lura ta'l-ammont misluf.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta li t-talbiet tal-bank attur huma ġustifikati u jimmeritaw li jiġu milqugħa.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi, fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjoni tal-forża maġġuri u l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tal-konvenut,

1) **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li l-konvenut Gilbert Pofrtelli m'onorax il-pagamenti miftiehma u b'hekk iddekada mill-benefiċċju taż-żmien;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tiddikjara lill-konvenut Gilbert Portelli debitur tal-bank attur fis-somma ta' seba' u sebgħin elf erba' mija sitta u għoxrin Euro u sitta u ħamsin centeżmu (€77,426.56) flimkien ma'l-imghax li sad-29 ta' Ottubru 2023 kien jammonta għal għaxart elef seba' mija wieħed u disgħin Euro u disa' ċenteżmi (€10,791.09) flimkien ma imgħax legali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;

3) **Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lill-intimat iħallas lill-bank attur s-somma ta' seba' u sebgħin elf erba' mija sitta u għoxrin Euro u sitta u ħamsin centeżmu (€77,426.56) flimkien ma'l-imghax li sad-29 ta' Ottubru 2023 kien jammonta għal għaxart elef seba' mija wieħed u disgħin Euro u disa' ċenteżmi (€10,791.09) flimkien ma imgħax legali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;

**Bl-ispejjeż** inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 27 ta' Settembru 2018 kontra l-konvenut.

| | |
|---|---|
| **DR. DOREEN CLARKE** | **MARVIC PSAILA** |
| **IMĦALLEF** | **DEPUTAT REĠISTRATUR** |

[14] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.